

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11856/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0205 (NLE)

ECOFIN 1000
UEM 354
FIN 1061
ECB
EIB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 376 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 376 final.

Mehmuż: COM(2026) 376 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
COM(2026) 376 final

2026/0205 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta**

{SWD(2026) 196 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") ta' Malta fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2023³, tal-20 ta' Ġunju 2025⁴ u tat-12 ta' Diċembru 2025⁵.
- (2) Fis-26 ta' Ġunju 2026, Malta għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Malta ppreżentat l-RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi fl-RRP ippreżentati minn Malta, minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jikkonċernaw 20 miżura.
- (4) Malta spjegat li waħda mill-miżuri ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba dewmien mhux mistenni fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Dan jikkonċerna l-miżura C1-I1 Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-bini tas-settur pubbliku u privat. Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Jenħtieġ

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² ST 11941/21; ST 11941/21 ADD 1.

³ ST 11202/23; ST 11202/23 ADD 1.

⁴ ST 9589/25; ST 9589/25 ADD 1 u ST 9589/25 ADD 1 COR.

⁵ ST 15661/25; ST 15661/25 ADD 1 u ST 15661/25 ADD 1 REV.

li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Malta spjegat li waħda mill-miżuri ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba dewmien mhux mistenni fl-akkwist. Dan jikkonċerna l-miżura C6-I1 Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja. Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Malta spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna C6-R1 Riforma tal-metodu tal-ħatra u t-tkeċċija tal-ġudikatura u C6-R2 Il-ħolqien ta' servizz tal-prosekuzzjoni separat. Abbażi ta' dan, Malta talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Malta spjegat li ġew emendati 15-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C1-I2 Investiment għar-rinnovazzjoni u l-irranġar mill-ġdid ta' blokka waħda tal-isptar pubbliku, C1-I5 Investimenti fl-enerġija rinnovabbli fl-ispazji pubbliċi, C2-R1 L-ixprunar tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki li jippromwovu s-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport, inkluż permezz tal-inkoraġġiment tal-użu ta' trasport kollettiv u multimodali, C2-R6 Ġestjoni mtejba tal-mobilità fis-servizz pubbliku, C2-R7 Miżuri biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku, C2-I2 It-tisħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat, C3-I2 Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi ħdan Transport Malta, C3-I3 Aktar diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, C3-I4 L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat, C3-I5 Id-diġitalizzazzjoni mobbli tal-ekoloġija urbana, C4-I1 It-twaqqif ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli għal Malta, C5-R3 Il-perkorsi edukattivi ġodda lejn edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità, C5-R4 Is-sistema ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni, C5-R5 It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-suq tax-xogħol u C7-I2 Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur privat. Abbażi ta' dan, Malta talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Malta talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' waħda mill-miżuri. Dan jikkonċerna t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri C1-I1 Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-bini tas-settur pubbliku u privat u C6-I1 Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja. Abbażi ta' dan, Malta talbet li jiżdied il-livell tal-implimentazzjoni ta' waħda mill-miżuri (C7-I1 Investimenti f'ċentri ta' distribuzzjoni u kejbils). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (9) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021, li jaffettwa l-Komponent 2: Niddekarbonizzaw it-trasport. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata biex jiġi kkoreġut dak l-iżball klerikali li ma jirriflettix il-kontenut tal-

RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Ottubru 2025, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u Malta. Dan l-iżball klerikali huwa relatat mad-deskrizzjoni tal-Komponent 2: Niddekarbonizzaw it-trasport. Din il-korrezzjoni ma taffettwax il-valutazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-RRP.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (12) Malta talbet li tuża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna C7-II Investimenti f'ċentri ta' distribuzzjoni u kejbils. Dan ma jaffettwax il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-kapitolu REPowerEU, li jkompli jindirizza l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili f'Malta.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 63,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (14) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribuzzjoni ekoloġika tal-RRP emendat żdiedet minn 62,0 % għal 63,6 %. Dik iż-żieda kienet ir-riżultat tal-iskalar tal-miżura C7-II Investimenti f'ċentri ta' distribuzzjoni u kejbils, li kienet akbar mit-tnaqqis tal-miżura C1-II Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-bini tas-settur pubbliku u privat.
- (15) Il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika fl-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, għandhom impatt dejjiemi peress li l-miżuri għandhom l-għan li jippromwovu l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'Malta, inaqqsu d-dipendenza ta' Malta fuq il-fjuwils fossili u jżidu l-effiċjenza enerġetika fil-bini. B'riżultat ta' dan, daww il-miżuri jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2030-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-

kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 26,0 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

- (17) Il-miżuri fl-RRP emendat ikompli jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali. L-emenda tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali hija relatata mat-tnaqqis fl-allokazzjoni għal miżura waħda, jiġifieri C6-I1 Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja. Kumplessivament, minħabba din il-bidla fl-allokazzjoni diġitali, l-emendi għall-RRP ta' Malta jnvolvu tnaqqis nett fil-kontribuzzjoni kumplessiva għall-mira diġitali tal-RRP b'0,9 punti perċentwali, minn 26,9 % għal 26,0 %. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' din l-emenda ma jbidilx il-valutazzjoni kumplessiva ta' dan il-kriterju.

Kalkolu tal-kostijiet

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (il-klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (19) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jnvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Huwa biss fi ftit każijiet li l-metodoloġija u l-kalkoli użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet ma kinux daqstant solidi. Dan jipprekludi l-klassifikazzjoni A għal dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati, proporzjonali għall-miżuri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawh l-istimi tal-kostijiet ma nbiddlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (20) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Malta ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Malta rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP apparagun tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (db), (g), (h), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (21) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (22) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Malta huma ta' EUR 329 083 116. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huma oġġla mill-kontribuzzjoni

finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Malta, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u mal-Artikolu 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat ta' Malta jenħtieġ li tkun ta' EUR 328 230 928. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Malta tibqa' l-istess.

- (23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq. Għall-finijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għal Malta abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).